MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 281/2005

**Il-Pulizija
(Spt. A. Miruzzi)
Vs**

**Ruth Grixti**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Papyrus Reprographic Services Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqset li tikkonforma ruhha mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Gunju, 2003, u moghtija fil-konfront taghha inkwantu li naqset kif ordnata fl-imsemmija sentenza li fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, tikkonforma ruhha**

**mal-ligi w fin-nuqqas tehel multa ohra ta' sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 t'Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 76 tal-Att XXIII tal-1998, sabet lill-imputata hatja tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatha ghall-penali ta' tlett elef, hames mija w sittax il-Liri Maltin (LM3516) multa rapprezentanti l-perjodu bejn is-27 ta' Settembru, 2003 sad-data ta' 3 ta' Mejju, 2005.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-18 t'Ottubru, 2005 li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha mill-akkuza.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tal-provi prodotti, b' mod partikolari ta' l-appellanta (Sic!) li minnha jidher b' mod car illi d-Dipartiment tal-VAT ghamel e*ntrapmenmt* fil-konfront taghha ghaliex l-appellanta (Sic!) xehdet li tkellmet ma ufficjal tad-Dipartiment tal-VAT, is-Sur Caruana, u gie koncess periodu ferm akbar sabiex hi tirregola l-pozizzjoni taghha fuq il-kwistjonijiet kollha tal-Vat, inkluz fuq is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-26 ta' Gunju, 2005. Fil-fatt l-appellanta (Sic!) ghamlet arrangamet sabiex taghmel self mill-bank sabiex dan il-hlas isir u effettivament il-hlas gie konkluz ferm wara s-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2003. Dan sar kollu bil-konoixxenza tal-Vat Department, b' mod partikolari s-Sur Caruana. B' hekk l-azzjoni tad-Dipartiment tal-VAT, li hija l-prosekuzzjoni wara kollha (Sic!) ma kellhiex ghaliex tohrog l-akkuzi kontra l-appellanta (Sic!) u bhala konsegwenza li ddecidiet li tohrog l-akkuza, l-istess Dipartuiment tal-VAT, ghamlet entrrapment fil-konfront tal-appellanta (Sic!).**

**Illi l-Qorti irriproduciet din il-parti tar-rikors tal-appell *verbatim* biex tillustra il-mod kif qed jigu redatti u**

**dattilografati l-atti quddiem din il-Qorti, mimlija zbalji ta' grammatika, sintassi w dattilografici. Irid isir kull sforz mill-Avukati koncernati biex din in-nonkuranza fl-abbozzar tal-atti gudizzjarji jinqata' darba ghal dejjem.**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fil-kors tas-seduti li saru;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-provi mismugha mill-gdid ninn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

PAUL SCICLUNA **li xehed in rapprezentanza tal-VAT Department, ikkonferma d-dokumenti esebiti u qal li l-appellanti ma ottemperatx ruha mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati msemmija fic-citazzjoni. Kien biss fl-4 ta' Mejju, 2005, meta ottemperat ruha. Ghalhekk inharget l-akkuza odjerna ghall-hlas tal-penali imposta bl-ewwel sentenza ghall-periodu sat-3 ta' Mejju, 2005. Issa mad-Dipartiment l-appellanti ottemperat ruha ma kollox. In kontroezami x-xhud qal li jaf li Charles Caruana hu impjegat mad-Dipartiment u li taxpayers jilhqu arrangamenti mieghu. Hemm ukoll diversi skemi li bihom jinhafru l-multi dipartimentali.**

L-APPELLANTI **xehdet li hi hallset il-multa tal-piena. Kienet marret id-Dipartiment u kellmet lil Charles Caruana u spjegatlu li l-kumpanija ma setghetx thallas ghax *non-trading*. Ghalhekk ftehmet mieghu li thallas bir-rati mensili ta' LM242.25c u l-ewwel pagament li sar kien ta' LM800 u LM200. Kellha thallas LM7916 u sal-4 ta' Mejju, 2005, hallset kollox. Kienet hallset LM6161 fl-ahhar pagament wara li l-kumpanija sselfet il-flus biex tkun tista' thallas.**

**Meta regghet xehdet f' seduta sussegwenti in konfront ma Charles Caruana, l-appellanti qalet li kienet marret id-Dipartiment jumejn wara s-sentenza originali. Is-Sur Caruana kien qalilha li bil-miktub ma setghu jaghmlu xejn , pero' li hi kellha tibda thallas xi haga. Kienet hallset LM1840 qabel ma sar is-sekwestru .**

CHARLES CARUANA**, li xehed fuq ordni tal-Qorti, qal li hu kien baghat diversi avvizi u ma sarx il-pagament. Inharget ittra ufficjali mill-Collection Section u wara din l-ittra giet l-appellanti tkellmu. Is-sentenza originali kienet datata 26 ta' Gunju, 2003. Id-Dipartiment kien kiteb lill-appellanti fil-21 ta' Lulju, 2003 biex ifakkarha. (Dok. 1). Rega' kitbilha fis-16 ta' Settembru, 2003 (Dok. 2) u hi xorta baqghet inadempjenti. Saret ittra ufficjali fis-26 ta' Marzu, 2004 (Dok. 3) u mbaghad inhareg mandat ta' sekwestru fl-10 ta' Novembru, 2004, (Dok. 4).**

**Wara dan, l-appellanti avvicinat is-section biex thallas u qalet li ma setghetx thallas. Offriet diversi *post-dated cheques* li gew accettati bla pregudizzju ghall-proceduri kriminali. Dan kien qalulha *a voce*. Ic-cheques kienu gew kollha onorati. Pero' hi ma hallsitx fiz-zmien ordnat bis-sentenza tal-Qorti.**

**In kontroezami, x-xhud qal li kien jaf bil-proceduri kriminali. L-appellanti kienet marret tkellmu wara s-sekwestru u mhux wara s-sentenza, kif kien qed jigi suggerit lilu mill-Avukat difensur tal-appellant.**

**In konfront mall-appellanti, Caruana xehed li jista' jkun li hallset LM1840 fit-3 t' Ottubru, 2003, issa li kien qed jara r-ricevuta relattiva. Huma kollox *a voce* jaghmlu u ma jaghmlu xejn *in writing*. Hu kien accetta c-cheques bla pregudizju. Ma jafx li kellha tisselef flus.**

**Ikkonsidrat;**

**Li minn dawn il-provi ma hemmx l-icken dubju li l-appellanti ma kienetx ikkonformat ruha mall-ligi entro t-tlitt xhur moghtija fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Gunju, 2003 li tinsab a fols. 7 u 8 tal-process. Hi *"ex admissis"* hallset l-ammont kollu dovut lid-Dipartiment fit-3 ta' Mejju, 2005. Bhala konsegwenza il-prosekuzzjoni qed tghid li hi nkorriet il-penali ta' LM6 kulljum ghan-nuqqas taghha li tottempera ruha, b' dan li l-ammont totali ghall-periodu mis-27 ta' Settembru, 2003, sat-3 ta' Mejju, 2005, kien ta' LM3516.**

**Illi l-appellanti ma tikkontestax dan, pero' tghid li l-kumpanija minnha rapprezentata Papyrus Reprographic Services Limited, ma kellhiex minn fejn thallas ghax kienet *non-trading* u biex hallset kellha tissellef il-flus. Issa fl-ewwel lok din il-Qorti ma tarax li kjumpanija li tkun inkassat il-VAT mill-klienti taghha tista' targumenta b' success li ma ghandhiex flus biex tghaddihom lid-Dipartiment meta dawn il-flus tkun suppost diga' gabrithom minnghand il-klienti taghha *'in the first place'* . F' kull kaz bl-istess mod li finalment il-kumpanija sselfet il-flus u hallset fit-3 ta' Mejju, 2005, ma kien hemm xejn x' izommha milli taghmel dan is-self u thallas entro t-terminu stipulat fl-ewwel sentenza tas-26 ta' Gunju, 2003. Illi fil-waqt li l-appellanti tghid li marret id-Dipartiment tlitt ijiem wara din is-sentenza, Charles Caruana xehed li hi marret biss wara li nhareg is-sekwestru. Ghalkemm f' dan mhux korrett ghax rrizulta li sar pagament fit-3 t' Ottubru, 2003 meta s-sekwestru , skond ma xehed hu stess inhareg fl-10 ta' Novembru, 2004, jibqa' l-fatt li, jekk stess sar dan il-hlas akkont u parzjali, dan sar wara zewg interpellazzjonijiet datati 21 ta' Lulju, u 16 ta' Settembru, 2003 u certament wara li kienu skadew it-tlitt xhur li fih kellu jsir il-hlas skond is-sentenza originali. Ghalhekk il-ksur tal-ligi jissussisti taht kull aspett;**

**L-appellanti tghid li meta kellmet lil Caruana, dan qal li ma jistghu jaghmlu xejn bil-miktub imma li hi kellha tibda thallas xi haga. Caruana ma jichadx li qal dan**

**pero' sostna li dan kien qalu u accetta *cheques post dated* bla pregudizzju ghall-proceduri kriminali.**

**Illi fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax lanqas fuq il-bazi tal-probabbli li sar xi arrangament definittiv bejn id-Dipartiment u l-appellanti biex it-terminu moghti mill-Qorti fis-sentenza originali jigi estiz u del resto dan qatt ma jista' jsir mid-Dipartiment ghax is-sentenza ta' Qorti Kriminali ma tistax tigi mibdula bi ftehim bejn il-partijiet. Jekk id-Dipartiment accetta xi pagamenti bla pregudizzju, dan bl-ebda mod ma kien jammonta ghal varjazzjoni fl-ordni tal-Qorti fis-sentenza originali. Lanqas ma jista' jinghid li kien hemm xi "*entrapment*", kif qed tippretendi l-appellanti, ghax Caruana xehed b' mod kategoriku li qalilha li kull pagament akkont kien qed jigi accettat bla pregudizzju. Forsi pero' jkun ahjar ghad-Dipartiment u ghat-*tax payer* li, meta jkun hemm dawn l-inkontri dwar dewmien fil-hlas, li tintela' xi formola sterjotipata li <u>bil-miktub</u> tghid li dan ikun qed isir bla pregudizzju, biex hekk ma jkunx hemm skuzi jew malintizi fil-futur.**

**Ghalhekk taht kull aspett l-appell hu wiehed infondat u qed jigi michud.**

**B' dana kollu pero' w ghal kull buon fini, din il-Qorti tiddikjara minn issa stess li ma tkunx avversa, issa li kull ammont dovut lid-Dipartiment tal-VAT gie saldat, li l-appellanti tibbenefika minn xi skema dipartimentali li tista' talvolta tezisti biex jinhafrilha dan il-penali, jew addirittura biex hi tibbenefika mill-prerogattiva tal-mahfra skond l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jekk l-Awtoritajiet koncernati jkunu jhossu li dan hu l-kaz .**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------